IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.5.2013
SWD(2013) 368 final

**DOKUMENT TA’ ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

**Valutazzjoni tal-programm ta' riforma nazzjonali u l-programm ta' stabbiltà tal-2013 għal MALTA**

***Li jakkumpanja d-dokument***

**Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-programm ta' riforma nazzjonali ta' Malta tal-2013 u l-għoti ta' Opinjoni tal-Kunsill dwar il-programm ta' stabbiltà ta' Malta għall-perjodu 2012-2016**

{COM(2013) 368 final}

MT MT

# WERREJ


Sommarju Eżekuttiv ..... 3
1. Introduzzjoni ..... 5
2. Żviluppi u sfidi ekonomiċi ..... 6
2.1. Żviluppi ekonomiċi riċenti u prospetti ..... 6
2.2. Sfidi ..... 7
3. Valutazzjoni tal-aġenda tal-politika ..... 10
3.1. Politika fiskali u tassazzjoni ..... 10
3.2. Is-settur finanzjarju ..... 19
3.3. Il-politiki tal-edukazzjoni, tas-suq tax-xogħol u dawk soċjali ..... 22
3.4. Miżuri strutturali li jippormwovu t-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività ..... 26
3.5. Modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika ..... 30
4. Tabella ta' deskrizzjoni ġenerali ..... 33
5. Anness ..... 36

## Sommarju Eżekuttiv

### Il-perspettiva ekonomika

**L-ekonomija domestika hi projettata li jkollha prestazzjoni aħjar miż-żona tal-euro.** Fl-2012, il-PDG reali kiber b'0,8%, meta mqabbel ma' tnaqqis ta' 0,6% fiż-żona tal-euro, u, skont it-tbassir tar-rebbiegħa tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-2013, it-tkabbir se jaqbeż il-medja taż-żona tal-euro, filwaqt li jiżdied għal 1,4% fl-2013 u għal 1,8 % fl-2014. Il-qgħad huwa pprojettat li jibqa' baxx u stabbli, li jonqos għal 6,3% fl-2013 u 6,1% fl-2014.

**Il-proċedura ta' defiċit eċċessiv kien magħluq, imma l-konsolidazzjoni fiskali tilfet il-momentum.** Skont it-tbassir tar-rebbiegħa tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-2013, l-iżbilanċ ġenerali tal-gvern se jibqa' taħt it-3% tal-PDG tal-limitu tat-Trattat f'2013-14. Id-dejn tal-gvern huwa ogħla mil-livell limitu ta' 60 % tal-PDG u huwa mbassar li jkompli jiżdied, b'żieda minn 72,1% tal-PDG fl-2012 għal 74,9% tal-PDG fl-2014).

### Kwistjonijiet Ewlenin

**Malta qed tiffaċċja sfidi integrati importanti** li jaffettwaw is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi tagħha u l-potenzjal tagħha ta' tkabbir, u kienet waħda mill-pajjiżi identifikati mill-Kummissjoni bħala li qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi, partikolarment għas-settur finanzjarju u l-finanzi pubbliċi.

**Malta għamlet progress limitat fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż tal-2012.** Fuq nota pożittiva, fil-qasam tal-finanzi pubbliċi, ittieħdet azzjoni xierqa biex tissaħħaħ il-konformità tat-taxxi u l-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa, iżda riżultati konkreti għad iridu jimmaterjalizzaw ruħhom. Miżuri rilevanti għalkemm insuffiċjenti, ġew introdotti fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari lejn it-tfassil ta' strateġija tat-tluq bikri mill-iskola, it-titjib tal-konnessjonijiet mal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-inkoraġġiment tal-impjieg tan-nisa. Ittieħdu wkoll passi sabiex titjieb is-sigurtà u d-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija. Qegħdin jitħejjew riformi fis-sistema bankarja, iżda azzjoni konkreta għad trid tittieħed. Fl-istess ħin, wara l-korrezzjoni ta' defiċit eċċessiv, il-gvern illaxka l-pożizzjoni fiskali tiegħu fl-2012, li wassal għal deterjorament notevoli tad-defiċit baġitarju, nonkonformità mat-tnaqqis tad-dejn u punti ta' referenza tat-tkabbir tan-nefqa u devjazzjoni sinifikanti mill-pjan ta' aġġustament lejn l-għan fuq terminu medju ta' żmien. Barra minn hekk, ma ttieħdet l-ebda azzjoni konkreta lejn it-tisħiħ tal-qafas fiskali, bi tnaqqas tal-preġudizzju tad-dejn fit-tassazzjoni korporattiva, aktar riformi tas-sistema tal-pensjoni u l-indirizzar ta' riskji possibbli relatati mal-mekkaniżmu tal-indiċjar tal-pagi. Fl-aħħar nett, il-miżuri meħuda fl-enerġija, il-klima u t-trasport huma 'l bogħod milli jkunu biżżejjed fid-dawl tal-kobor tal-isfidi f'dawn l-oqsma. L-isfidi identifikati b'hekk baqgħu pjuttost l-istess matul is-sena li għaddiet.

- **Il-Finanzi pubbliċi**: Id-defiċit ġenerali tal-gvern qabeż it-3% tal-valur ta' referenza tal-PDG, filwaqt li l-qafas fiskali flessibbli u kwistjonijiet mal-konformità fiskali u l-evażjoni tat-taxxa jfixklu l-kisba ta' pożizzjoni fiskali soda. Fit-tul, is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi għadha f'riskju minħabba nefqa ogħla projettata marbuta mal-età.

- **Is-Suq tax-xogħol**: Nuqqasijiet fil-ħiliet jkomplu joħolqu ostaklu għall-użu effiċjenti tal-kapital uman. Filwaqt li kien hemm żieda fl-impjiegi fis-segmenti kollha tas-suq tax-xogħol, inkluż fost il-ħaddiema ikbar fl-età u n-nisa, ir-rata ta' impjiegi tan-nisa jibqa' l-iktar wieħed baxx fl-UE (46,9% fl-2012).

- **Kompetittività:** Iż-żamma tal-kompetittività esterna hija essenzjali fid-dawl tal-livell għoli ta' ftuħ kummerċjali tal-ekonomija. Filwaqt li l-mekkaniżmu tal-indiċjar tal-pagi għandu karatteristiċi li jtaffu l-effetti negattivi tiegħu, xorta jista' joffri sfida għall-flessibbiltà tal-pagi reali u b'hekk fuq il-kompetittività u l-aġġustament tas-suq tax-xogħol f'każ ta' sitwazzjoni ekonomika negattiva ħafna.

- **L-Enerġija**: Il-provvista tal-enerġija tiddependi kważi esklużivament fuq iż-żejt impurtat, li, miżjud mal-ineffiċjenzi fid-distribuzzjoni, joħolqu ostakolu għall-kompetittività. L-ilħuq tal-miri nazzjonali tal-2020 għall-enerġija u l-klima għadu 'l bogħod b'mod sinifikanti, partikolarment fis-settur tat-trasport.

- **Is-Settur finanzjarju**: Riskji qrib it-terminu relatati mad-daqs kbir tas-settur bankarju (kważi 800% tal-PDG) jidhru li huma limitati. Il-banek domestiċi ewlenin, madankollu, huma vulnerabbli għal żviluppi negattivi fis-suq immobiljari minħabba l-espożizzjoni għolja tagħhom fil-forma ta' self (aktar minn nofs tal-portafoll tas-self kollu) u l-kollateral. L-ineffiċjenzi tas-sistema ġudizzjarja jistgħu jfixklu l-infurzar effiċjenti ta' kollateral b'konsegwenzi potenzjalment negattivi fuq is-settur bankarju.

.

## 1. INTRODUZZJONI

F'Mejju 2012, il-Kummissjoni pproponiet ħames rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs)[1] għal politiki ta' riforma ekonomiċi u strutturali f'Malta. Fuq il-bażi ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta sitt CSRs fil-forma ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill.[2] Dawn is-CSRs jikkonċernaw il-finanzi pubbliċi, is-suq tax-xogħol, l-edukazzjoni u t-taħriġ, is-sistema tal-enerġija u l-istabbiltà finanzjarja. Dan id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal (SWD) jivvaluta l-istat ta' implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet f'Malta.

Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal jivvaluta miżuri ta' politika fid-dawl tas-sejbiet tal-Istħarriġ Annwali tat-Tkabbir tal-Kummissjoni 2013 (AGS)[3] u t-tieni Rapport annwali dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija (AMR),[4] li kienu ppubblikati f'Novembru 2012. L-Istħarriġ Annwali tat-Tkabbir għall-2013 jippreżenta proposti tal-Kummissjoni biex jintlaħaq il-fehim komuni neċessarju dwar il-prijoritajiet għal azzjoni fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-UE fl-2012. Jidentifika ħames prijoritajiet biex jiggwidaw lill-Istati Membri lejn tkabbir imġedded: li nfittxu li nwettqu konsolidazzjoni fiskali differenzjata u li tiffavorixxi t-tkabbir; ir-restawr tas-self lill-ekonomija; il-promozzjoni tat-tkabbir u tal-kompetittività; l-indirizzar tal-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi; u l-modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika. Ir-Rapport tal-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2012 jservi bħala strument inizjali ta' skrinjar biex jiddetermina jekk l-iżbilanċi makroekonomiċi jeżistux jew huwiex probabbli li jkun hemm fl-Istati Membri. Huwa sab sinjali pożittivi li żbilanċi makroekonomiċi fl-Ewropa qed jiġu kkoreġuti. Biex jiżguraw li jinkiseb bilanċ mill-ġdid komplut u durabbli, Malta u 13-il Stat Membru ieħor ġew magħżula għal reviżjoni tal-iżviluppi fl-akkumulazzjoni ta' żbilanċi emerġenti.[5]

Fuq l-isfond tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2012, l-Istħarriġ Annwali tat-Tkabbir tal-2013 u r-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2012, Malta ppreżentat aġġornamenti tal-programm nazzjonali ta' riforma (NRP) tagħha fit-30 ta' April 2013 u tal-programm ta' stabbiltà tagħha fit-30 ta' Mejju 2013. Dawn il-programmi jipprovdu informazzjoni dettaljata dwar il-progress li sar minn Lulju 2012 u dwar pjanijiet futuri tal-gvern. Din l-informazzjoni tipprovdi l-bażi għall-valutazzjoni magħmula f'dan id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

Il-programm nazzjonali ta' riforma kien ippreparat parzjalment fuq il-bażi ta' konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali u l-implimentazzjoni tiegħu hija suġġett għall-valutazzjoni biannwali. Kemm il-programm nazzjonali ta' riforma u kif ukoll il-programm ta' stabbiltà ġew approvati mill-Kabinett tal-Ministri. Malta żgurat il-koerenza bejn iż-żewġ programmi, l-aktar f'termini ta' xenarju makroekonomiku u interkonnessjonijiet bejn oqsma fiskali u makroekonomiċi

[1] COM(2012) 321 final tat-30 ta' Mejju 2012
[2] ĠU C 219 tal-24 ta' Lulju 2012
[3] COM (2012) 750 finali
[4] COM (2012) 751 finali
[5] 13-ir reviżjoni fil-fond ġew ippubblikati fl-10 ta' April 2013. Filwaqt li magħżul għal reviżjoni fil-fond fl-AMR, Ċipru kien fl-aħħar mill-aħħar mhux rivedut taħt il-Proċedura għall-Iżbilanċ Makroekonomiku (MIP) minħabba l-preparazzjonijiet avvanzati għal programm ta' assistenza finanzjarja.

oħra, u ż-żewġ programmi huma konsistenti mal-kodiċi ta' kondotta u mal-gwida pprovduta mill-Kummissjoni.

*Valutazzjoni ġenerali*

L-analiżi f'dan id-dokument twassal għall-konklużjoni li Malta għamlet progress limitat dwar miżuri meħudin biex jiġu indirizzati CSRs tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

Fuq nota pożittiva, il-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv ġiet irrevokata wara d-defiċit ġenerali tal-gvern kien ta' inqas minn 3 % tal-PDG fl-2011. Ir-rata tal-impjiegi kompliet titjieb b'mod partikolari grazzi għal żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, filwaqt li attwalment għaddej il-bini tal-interkonnettur tal-elettriku mal-Italja, li se jikkontribwixxi għas-sigurtà u d-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija. Mil-lat negattiv, il-qagħda fiskali kienet inqas stretta fl-2012, meta d-defiċit għal darb oħra qabeż il-limitu ta' referenza tat-Trattat ta' 3% tal-PDG, filwaqt li ma sar l-ebda progress sostanzjali biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi. Malta għadha 'l bogħod milli tilħaq il-miri nazzjonali għall-2020 għall-enerġija u l-klima u ma ġie rrappurtat l-ebda progress fir-rigward riforma tal-mekkaniżmu tal-indiċjar tal-pagi. Kollox ma' kollox, minkejja l-adozzjoni ta' xi miżuri rilevanti, l-isforzi politiċi ta' sikwit ma kellhomx biżżejjed ambizzjoni.

L-isfidi identifikati f'Lulju 2012 u riflessi fl-Istħarriġ Annwali tat-Tkabbir għall-2013 jibqgħu validi. Fi żmien qasir, l-isfidi ewlenin huma li l-finanzi pubbliċi jmmorru fuq triq sostenibbli b'mod kredibbli u biex tiġi mħarsa l-istabbiltà finanzjarja, filwaqt li jiġu indirizzati wkoll l-ineffiċjenzi fis-sistema ġudizzjarja. Fit-terminu ta' żmien medju sa twil, huwa essenzjali li tiġi żgurata s-sostenibbilità tal-finanzi pubbliċi u biex titkompla tiġi diversifikata s-sistema tal-enerġija. It-tisħiħ tal-kompetittività tal-ekonomija jeħtieġ ukoll l-assigurazzjoni ta' riżultati aħjar għas-sistema edukattiva u ta' taħriġ sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol.

## 2. ŻVILUPPI U SFIDI EKONOMIĊI

### 2.1. Żviluppi ekonomiċi riċenti u prospetti

*Żviluppi Ekonomiċi Riċenti*

**Fl-2012, il-PDG reali kiber b'0,8 %, xprunat mill-esportazzjonijiet u l-infiq pubbliku.** Il-kummerċ internazzjonali baqa' wkoll mutur ewlieni tat-tkabbir ekonomiku fl-2012, minkejja l-ambjent diffiċli, minħabba l-kompożizzjoni favorevoli ta' esportazzjonijiet u l-orjentazzjoni ġeografika tal-kummerċ, b'mod partikolari ta' merkanzija. Dan ikkontribwixxa biex ikun irranġat id-defiċit tal-kont kurrenti ta' Malta fl-2012. Barra minn hekk, l-infiq pubbliku għoli konsiderevolment kontrabilanċjat id-dgħufija fil-konsum privat u fl-investiment, għalkemm b'konsegwenzi negattivi fuq il-bilanċ ġenerali tal-gvern. Is-suq tax-xogħol kellu prestazzjoni aħjar milli l-medja taż-żona tal-euro bil-ħolqien tal-impjiegi b'saħħtu, għalkemm jibda minn rati baxxi ta' impjegar u parteċipazzjoni, filwaqt li l-qgħad baqa' baxx u stabbli għal 6,4 % fl-2011 (11,4 % għaż-żona tal-euro). Minkejja dawn l-iżviluppi pożittivi, ir-rata tal-inattività f'Malta tibqa' l-ogħla fiż-żona tal-euro.

*Il-perspettiva ekonomika*

**Il-prospetti ekonomiċi huma mistennija li jitjiebu gradwalment matul terminu medju ta' żmien.** Skont it-tbassir tar-rebbiegħa tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-2013, it-tkabbir ekonomiku f'Malta se jkompli jkun aktar mill-medja taż-żona tal-euro. Wara li mmodera għal 0,8 % fl-2012, it-tkabbir reali tal-PDG huwa pprojettat li jżid għal 1,4 % fl-2013 u imbagħad iktar għal 1,8 % fl-2014, sostnut b'irkupru gradwali fid-domanda domestika. It-tkabbir huwa mistenni li jibqa' jwassal għall-ħolqien ta' ħafna impjiegi u huwa mbassar li l-impjegar ikompli jiżdied b'rata relattivament mgħaġġla, prinċipalment bis-saħħa tal-parteċipazzjoni u tal-impjegar li qed jiżdiedu fost il-ħaddiema nisa u dawk akbar fl-età, ħaġa li twassal ukoll għat-tnaqqis tal-qgħad. Wara li żied ħafna u f'daqqa fl-2012, il-prezz tal-inflazzjoni hu previst li jsir aktar moderat, iżda li jibqa' ogħla mill-medja għaż-żona tal-euro.

**Ix-xenarju makroekonomiku sottostanti l-SP u l-NRP huwa plawsibbli.** Il-programm ta' stabbiltà Malti u l-programm nazzjonali ta' riforma għandhom l-istess xenarju makroekonomiku. It-tkabbir tal-PDG reali projettat għal 2013-14 fiż-żewġ programmi huwa ftit inqas minn dik tal-2013 tas-servizzi tal-Kummissjoni fit-tbassir tar-rebbiegħa fuq domanda domestika aktar dgħajfa u projezzjonijiet kemxejn inqas favorevoli tas-suq tax-xogħol. Fis-snin imbiegħda tal-perjodu tal-programm, il-prospetti tat-tkabbir għadhom kawti u huma skont it-tkabbir potenzjali kif stmat mis-servizzi tal-Kummissjoni.

**Il-kontribuzzjoni ta' riformi strutturali għat-tkabbir huwa stmat li se jiżdied wara l-2014.** Il-programmi jinkorporaw l-impatt pożittiv ta' riformi strutturali magħżula fuq il-prodott potenzjali. L-impatt annwali f'termini mhux kumulattiv huwa stmat li jkun relattivament modest f'0,13 punti perċentwali fl-2013 qabel ma żdied għal aktar minn 0,7 punti perċentwali fl-2014, bis-saħħa tat-tnedija tal-interkonnettur tal-elettriku mal-Italja. Minn hemm 'il quddiem, l-impatt pożittiv tar-riformi strutturali hu mistenni li jimmodera gradwalment, sakemm jilħaq 0,6 punti perċentwali fl-2017.

## 2.2. Sfidi

**L-ekonomija Maltija tiffaċċja sfidi li għandhom l-għeruq fit-tradizzjoni li jaffettwaw it-tkabbir potenzjali tagħha.** L-isfidi relatati mal-kamp ta' applikazzjoni ta' konsolidazzjoni fiskali u s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi; it-titjib tal-kompetittività; id-diversifikazzjoni tas-sistema tal-forniment ta' enerġija u s-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja. Baqgħu pjuttost l-istess matul is-sena li għaddiet u huma konsistenti mal-prijoritajiet politiċi stabbiliti fl-Istħarriġ Annwali tat-Tkabbir tal-2013 adottat mill-Kummissjoni f'Novembru 2012. Il-ħtieġa li tiġi salvagwardata l-istabbiltà finanzjarja u tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi kienu wkoll identifikati bħala sfidi sabiex jiġu indirizzati l-iżbilanċi makroekonomiċi fir-reviżjoni fil-fond tal-2013 għal Malta fil-kuntest tal-Proċedura għall-Iżbilanċ Makroekonomiku (ara l-Kaxxa 1).

**Is-segwitu ta' konsolidazzjoni fiskali u l-iżgurar li d-dejn pubbliku ma jitqegħedx fit-triq tan-niżla jibqgħu sfida.** Wara l-korrezzjoni ta' defiċit eċċessiv fl-2011, il-konsolidazzjoni fiskali tilfet il-momentum tad-defiċit fl-2012 u għal darb oħra qabżu l-limitu tat-Trattat, li jċaqlaq il-bilanċ strutturali aktar 'il bogħod milli l-għan ta' terminu medju (MTO) ta' pożizzjoni bilanċjata. Sfidi fiskali addizzjonali fil-medda qasira huma n-natura nonvinkolanti ta' qafas fiskali għal terminu medju, li ma jgħinx biex jankraw strateġija ta' konsolidazzjoni fiskali, u tas-sistema fiskali, li hija kkaratterizzata minn konformità baxxa u evażjoni għolja

tat-taxxa, anke minħabba l-fenomenu ta’ xogħol mhux iddikjarat,[6] filwaqt li l-preġudizzju tad-dejn fit-tassazzjoni korporattiva jibqa’. L-iżgurar tas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi tibqa' sfida minħabba ż-żidiet imbassra li jaqbżu l-medja tal-UE fin-nefqa relatata mal-età fuq medda twila ta’ żmien, partikolarment fl-oqsma tal-pensjonijiet u l-kura tas-saħħa. Parteċipazzjoni baxxa ħafna tas-suq tax-xogħol ta’ ħaddiema ikbar fl-età u nisa, flimkien man-nuqqas ta’ strateġija attiva komprensiva dwar ix-xjuħija attiva, jżidu mal-kamp ta' applikazzjoni tal-isfida.

**Li jiġi żgurat li l-ekonomija domestika tibqa’ kompetittiva huwa kruċjali fid-dawl tal-ftuħ għoli kummerċjali ta' Malta.** Meta jitqies id-daqs tagħha u l-qagħda ġeografika, Malta tiddependi ħafna fuq il-kummerċ għat-tkabbir u biex tissodisfa d-domanda domestika. Għalhekk huwa essenzjali li l-ekonomija tibqa’ esternament kompetittiva. Dan jimplika li tiġi żgurata li l-pagi jiżdiedu f’konformità mal-produttività. Filwaqt li ma jidhirx li kien hemm ostakoli prinċipali għall-prestazzjoni globali tas-suq tax-xogħol s’issa, il-karatteristiċi tal-aġġustament awtomatiku għall-għoli tal-ħajja (ġeneralment imsejjaħ COLA) jippreżentaw riskju potenzjali għall-ekonomija, b’mod partikolari matul il-fażijiet negattivi bil-qawwa taċ-ċiklu ekonomiku, billi jxekklu l-aġġustament tal-pagi reali, li mbagħad jimpedixxu li jintlaħaq l-ekwilibriju tas-suq tax-xogħol. Aktar promozzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni hija wkoll kruċjali biex il-kompetittività tibqa' miexja ’l quddiem.

**Għad hemm kamp ta' applikazzjoni wiesa’ għal titjib fl-utilizzazzjoni tal-kapital uman.** Minkejja titjib notevoli fis-snin riċenti, b’mod partikolari rigward in-nisa, ir-rata tal-impjiegi f’Malta għadha baxxa hekk kif l-impatt tal-miġja tat-tfal jibqa’ sinifikanti.[7] Nuqqasijiet fil-ħiliet li tfaċċaw bħala riżultat tal-bidliet strutturali fl-ekonomija jirrappreżentaw ostaklu għal użu effiċjenti tal-kapital uman. Sfidi partikolari jinkludu rata għolja, għalkemm qed tonqos, ta’ tluq bikri mill-iskola, rendiment baxx ta’ ħiliet bażiċi, livell li għadu modest ta’ edukazzjoni terzjarja, u sistema ta’ taħriġ vokazzjonali li teħtieġ li tiġi mmodernizzata.

**Il-karatteristiċi tas-sistema tal-enerġija jkomplu joħolqu sfida għall-potenzjal tal-kompetittività ekonomika u l-prestazzjoni ambjentali.** Il-provvista tal-enerġija tiddependi kważi esklużivament fuq żejt impurtat, li jrendi l-pajjiż vulnerabbli għal żidiet fil-prezzijiet taż-żejt u jitfa’ pressjoni fuq il-bilanċ estern tal-kummerċ, filwaqt li s-sehem ta’ enerġija minn sorsi rinnovabbli għadu marġinali. L-ineffiċjenza tad-distribuzzjoni tal-enerġija tikkontribwixxi wkoll għal tariffi għoljin tal-elettriku għal kumpaniji, li mbagħad dan qed ikun ta’ ostaklu għall-kompetittività. Għad hemm lok sinifikanti għat-titjib tal-effiċjenza u t-tnaqqis tal-emissjonijiet fis-settur tat-trasport, li huwa ta’ importanza partikolari għall-kisba tal-mira fil-klima u, fl-istess ħin, li jiġġenera tkabbir ekoloġiku. Fl-aħħar nett, infrastruttura tar-riċiklaġġ tal-iskart mhux adegwat qed idewwem il-progress ta' Malta lejn il-miri 2020.

**Il-preservazzjoni tal-istabbiltà tas-settur finanzjarju hija sfida kontinwa għall-ekonomija domestika.** Is-settur bankarju ilu juri reżiljenza matul il-kriżi finanzjarja

---

6 Manwel Debono (2012), *Malta, May 2012 – Undeclared Work Update*, Malta European Employment Observatory; http://www.eu-employment-observatory.net/resources/reports/UndeclaredWorkUpdate-Malta.pdf.

7 Id-diskrepanza fl-impjiegi meta mqabbla mal-medja tal-UE hija partikolarment kbira għan-nisa u għall-ħaddiema ikbar fl-età.

internazzjonali. Madankollu, il-banek domestiċi jistgħu jibbenefikaw minn aktar bafers kapitali b'saħħithom bħala l-kopertura ta' self inadempjenti b'dispożizzjonijiet li jibqgħu relattivament baxx. Dan huwa partikolarment importanti minħabba espożizzjoni għolja ħafna tal-banek għas-suq immobiljari, kemm fil-portafolli ta' self tagħhom u permezz ta' kollateralizzazzjoni, u tad-dejn korporattiv elevat. Barra minn hekk, id-daqs kbir ħafna tas-settur finanzjarju, li sar xprun ewlieni għat-tkabbir għall-ekonomija domestika, jqajjem sfidi superviżorji. Barra minn hekk, nuqqasijiet fis-sistema ġudizzjarja jistgħu jfixklu l-irkupru mgħaġġel ta' kollateral. Dan jista' jitfa' pressjoni fuq il-karti tal-bilanċ tal-banek u jaffettwa deċiżjonijiet ta' self.

**Kaxxa 1: Sommarju tar-reviżjoni bir-reqqa tal-2013 skont il-Proċedura għall-Iżbilanċ Makroekonomiku**

L-analiżi tar-reviżjoni fil-fond ta' żbilanċi identifikati fis-settur finanzjarju ta' Malta, b'mod partikolari fir-rigward tal-espożizzjoni tagħha għas-suq immobiljari kif ukoll fil-finanzi pubbliċi, b'mod partikolari fir-rigward tas-sostenibbiltà fuq medda medja ta' żmien u fit-tul tagħhom. Il-kummenti ewlenin tar-rapport huma:

- Wara l-istazzjonar ta' defiċits sostanzjali għall-biċċa l-kbira tal-aħħar għaxar snin li għaddew, il-bilanċ tal-kont kurrenti ġie aġġustat strutturalment u ilu f'direzzjoni 'l fuq mill-2009. Fatturi addizzjonali, bħal pożizzjoni pożittiva tal-investiment internazzjonali nett u l-pożizzjoni ta' Malta bħala kreditur estern nett jikkontribwixxu lejn is-sostenibbiltà tal-pożizzjoni esterna.

- Il-livell ta' dejn privat huwa għoli, iżda hemm fatturi mitiganti. Jekk nibdew minn livell baxx, id-dejn domestiku żdied b'mod rapidu f'dawn l-aħħar snin, prinċipalment permezz tat-tkabbir ta' self ipotekarju. Madankollu, l-unitajiet domestiċi għad għandhom ġid finanzjarju nett imdaqqas. Id-dejn gross għoli korporattiv u l-ingranaġġ iqajmu aktar tħassib, iżda r-riskji potenzjali ttaffew minħabba għadd ta' fatturi fosthom l-obbligi strutturali l-aktar fit-tul u d-diversifikazzjoni ta' sorsi finanzjarji.

- Is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi hija f'riskju minħabba li l-projezzjonijiet kemm għan-nefqa fuq il-pensjonijiet u fuq il-kura tas-saħħa f'Malta huma ferm ogħla mill-medja tal-UE. Il-Gvern mhux qed jesperjenza problemi b'finanzjament tad-dejn, bis-saħħa tad-domanda domestika għolja għal titoli maħruġa, iżda garanziji Statali mdaqqsa lil kumpaniji tal-Istat, li wħud minnhom mhumiex fi stat finanzjarja soda, jirrappreżentaw riskju.

- Il-maġġoranza tas-settur finanzjarju kbir ħafna huwa orjentat internazzjonalment b'rabta limitata ħafna mal-ekonomija domestika, u għalhekk ma joħloqx riskji kbar għall-istabbiltà domestika. Il-banek b'orjentament domestiku, filwaqt li finanzjament stabbli, għandhom espożizzjoni għolja għas-suq immobiljaru, filwaqt li l-attivitajiet ta' banek domestiċi żgħar mhux ewlenin huma iktar riskjużi.

- Minkejja xi sopravalutazzjoni u provvista żejda possibbli fis-suq immobiljaru, aġġustamenti kbar 'l isfel fil-prezzijiet fuq medda qasira ta' żmien mhumiex mistennija hekk kif id-domanda hi robusta, filwaqt li l-karti tal-bilanċ tal-iżviluppaturi huma b'saħħithom biżżejjed li jippermettulhom jastjenu milli jbigħu bi prezzijiet mhux favorevoli, anki jekk l-istimi jissuġġerixxu li jista' jkun hemm provvista żejda f'uħud mis-segmenti tas-suq.

## 3. VALUTAZZJONI TAL-AĠENDA TAL-POLITIKA

### 3.1. Politika fiskali u tassazzjoni

*Żviluppi baġitarji u dinamiċi tad-dejn*

**Wara li llaxkaw il-qagħda fiskali fl-2012, l-awtoritajiet qed jippjanaw biex iġibu l-iżbilanċ taħt it-3% tal-limitu massimu tal-PDG fl-2013.** Wara li laħaq 3,3 % tal-PDG fl-2012, minn 2,8 % tal-PDG fl-2011, Malta qed tippjana li tikkoreġi d-deficit eċċessiv fl-2013 u li tkompli tnaqqas id-deficit gradwalment, għal 0,8 % tal-PDG fl-2016. Il-bilanċ favorevoli primarju huwa li jitjieb minn deficit ta' 0,2 % tal-PDG fl-2012 għal bilanċ favorevoli ta' 2,4 % fl-2016. Dan jimplika l-progress gradwali lejn l-għan fuq terminu medju, li huwa definit bħala pożizzjoni bilanċjata f'termini strutturali (ma nbidilx mill-programm preċedenti), għalkemm l-ilħuq reali tal-għan fuq terminu medju mhux ippjanat fil-perjodu tal-programm. L-għan fuq terminu medju jirrifletti b'mod xieraq ir-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

**Ir-riżultat tal-iżbilanċ ogħla milli kien ippjanat għall-2012 huwa prinċipalment minħabba n-nefqa, filwaqt li l-mira tad-deficit għall-2013 jiddependi fuq id-dħul u l-kapaċità li jżommu f'wiċċ l-ilma.** Ir-riżultat tad-deficit tal-2012 huwa 1.1 pps. tal-PDG ogħla mill-mira stabbilita fil-programm preċedenti. Ir-riżultat agħar milli mistenni huwa dovut l-aktar għal nefqa kurrenti ogħla, speċjalment il-kumpens tal-impjegati u t-trasferimenti soċjali, filwaqt li dħul kurrenti kien ġeneralment konformi mal-projezzjonijiet, għalkemm b'kompożizzjoni differenti ta' dħul dirett u indirett. In-nefqa kurrenti kienet ta' 1,3 % tal-PDG ogħla milli fl-2011, annullat l-impatt ta' ammont sinifikanti nett ta' miżuri ta' darba għat-tnaqqis tad-deficit (0,9 % tal-PDG), li tikkonsisti l-aktar minn dħul mill-imposta ta' konċessjoni għall-operatur tal-lotterija lokali[8]. Fl-2013 huwa ppjanat li d-deficit jonqos għal 2,7 % tal-PDG, kemxejn agħar milli fl-aġġornament preċedenti fl-isfond ta' reviżjoni 'l isfel fit-tkabbir tal-PDG reali (sa 1,4 % minn 2,0 % fil-programm preċedenti). Il-mira tinkorpora l-impatt tal-baġit tal-2013 li ġie approvat mill-Parlament f'April 2013[9], li jinkludi miżuri espansjonarji fuq in-naħa tad-dħul kif ukoll tan-nefqa, b'impatt nett ta' żieda fid-deficit ta' 0,3 % tal-PDG (ara l-Kaxxa 2). It-tbassir tar-rebbiegħa tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-2013, skont assunzjoni tal-ebda bidla fil-politika, li d-deficit tal-2013 se jibqa 'l fuq mill-valur ta' referenza fl-2013, għal 3,7 % tal-PDG, bid-differenza mill-mira tal-awtoritajiet hija spjegata minn anqas tkabbir għal taxxi kurrenti, speċjalment taxxi indiretti, minkejja xenarju makroekonomiku sottostanti li huwa simili għal dak fil-programm ta' stabbiltà. Għall-2014, id-differenza bejn il-mira tal-programm ta' stabbiltà u s-servizzi tal-Kummissjoni mbassra titwessa' għal 1,5 pps tal-PDG.

**Hemm riskji ċari li r-riżultati tad-deficit ikunu agħar minn dawk previsti.** Id-żieda fid-dinamika projettata fid-dħul mit-taxxi fl-2013-14, speċjalment fir-rigward ta' taxxi indiretti, ma tidhirx li kienet spjegata bis-sħiħ permezz ta' xenarju makroekonomiku sottostanti, u

8 Il-programm ma jidentifikax dawn il-punti bħala ta' darba biss. Skont il-programm, miżuri ta' darba fl-2012 ammontaw għal 0,1% tal-PDG.

9 Fl-aħħar ta' Novembru 2012, il-gvern preċedenti ppreżenta l-abbozz tal-baġit tal-2013 li naqas milli jirċievi l-approvazzjoni parlamentari. F'April 2013, il-Gvern il-ġdid ippreżenta u approva l-baġit tal-2013, li kien fil-biċċa l-kbira simili għal dak li kien oriġinarjament ppreżentat f'Novembru 2012 u kien ibbażat fuq mira ta' żbilanċ għall-2012 ta' 2,3% tal-PDG, punt perċentwali 1 inqas mir-riżultat notifikat.

lanqas hija sostnuta b'miżuri[10]. Il-programm jipprovdi dettalji dwar xi punti speċifiċi biss (ara l-Kaxxa 2). Hemm riskju ta' xi nuqqasijiet fl-ilħuq tal-miri fl-ispiża tal-pagi fis-settur pubbliku, minkejja l-impenn kontinwu tal-politika restrittiva dwar ir-reklutaġġ fis-settur pubbliku, u fil-konsum intermedju, minħabba l-esperjenza tas-snin li għaddew, partikolarment fin-nefqa farmaċewtika. Min-naħa l-oħra, kif diġà ġara spiss fil-passat, in-nefqa kapitali netta tista' tkun iktar baxxa milli ppjanata u taġixxi bħala protezzjoni. Fattur finali tar-riskju jirrelata mas-sitwazzjoni finanzjarja tal-fornitur tal-enerġija l-Enemalta, li jista' jeħtieġ aktar sussidji.

10 Fl-2014, id-differenza fil-projezzjonijiet tat-tkabbir kienet marġinali imma l-kompożizzjoni hija differenti, bil-programm li jassumi ritmu aħjar għall-ħolqien tax-xogħol.

**Fl-2012, id-defiċit strutturali żdied b'½ pp. tal-PDG u l-isforz strutturali se jibqa' insuffiċjenti fl-2013-14.** Id-deterjorament tal-bilanċ strutturali fl-2012 jimplika devjazzjoni sinifikanti mill-pjan ta' aġġustament lejn l-għan fuq perjodu medju ta' żmien. Il-programm jippjana titjib annwali (ikkalkulat mill-ġdid) fil-bilanċ strutturali[11] ta' ftit inqas minn ¾ pps tal-PDG bħala medja matul il-perjodu 2013-2016. Dan hu konformi mal-limitu referenzjarju ta' 0,5 pps fil-Patt għall-Istabbiltà u t-Tkabbir għar-ritmu annwali tal-progress lejn l-għan fuq medda medja taż-żmien, iżda l-isforz huwa ferm aġġustat (fl-2013 huwa ppjanat li jkun ta' madwar 1½ pp. tal-PDG). B'kuntrast ma' dan, skont it-tbassir tar-rebbiegħa tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-2013, it-titjib fil-bilanċ strutturali fl-2013 għandu jkun ferm inqas, ¼ pp. biss tal-PDG, u li jirriżulta biss minn kontribuzzjoni mnaqqsa minn miżuri ta' darba biss; fl-2014, dan ikun marġinali. Bl-istess mod, ir-rata tat-tkabbir tan-nefqa tal-gvern, netta mill-miżuri tad-dħul diskrezzjonali, hi mistennija li tikkontribwixxi għal aġġustament strutturali annwali lejn l-għan ta' terminu medju b'0,5 pp. tal-PDG skont il-pjanijiet fil-programm ta' stabbiltà (ħlief fl-2015) iżda mhux skont it-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni. F'din tal-aħħar, fl-2012-2014, ir-rata tat-tkabbir tan-nefqa tal-gvern, netta minn kwalunkwe miżuri diskrezzjonarji fid-dħul, hija iktar mir-rata aktar baxxa taħt il-valur referenzjarju tan-nefqa (ugwali għal 0,24 % fl-2012-13 u 0,57 % fl-2014-16). Fuq il-bażi ta' valutazzjoni globali tal-pjanijiet baġitarji ta' Malta mal-bilanċ strutturali bħala referenza, u inkluża analiżi tan-nefqa netta mill-miżuri tad-dħul diskrezzjonali, it-triq ta' aġġustament lejn l-għan fuq terminu medju kif ippjanat fil-programm tidher li hi xierqa, għalkemm ferm aġġustat. Madankollu, it-tbassir tar-rebbiegħa tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-2013 jipprojetta devjazzjoni sinifikanti ikbar mill-pjan ta' aġġustament lejn l-MTO fl-2013-14.

**Il-proporzjon tad-dejn gross ġenerali tal-amministrazzjoni pubblika huwa ppjanat li jkompli jiżdied sal-2014.** Minn 72,1 % tal-PDG fl-2012, il-proporzjon tad-dejn gross tal-amministrazzjoni pubblika huwa ppjanat li jiżdied għal 74,2 % tal-PDG fl-2014, li mistenni li se jibqa' taħt l-influwenza ta' kemm l-effett valanga u l-aġġustament bejn il-fondi u l-flussi (speċjalment fl-2013, minħabba l-injezzjoni ta' ekwità ppjanata lil Air Malta). Mill-2015, id-dejn għandu jonqos megħjun minn bilanċi favorevoli primarji li qed jiżdiedu u aġġustament fil-fluss tal-istokk li jnaqqas id-dejn. Skont it-tbassir tar-rebbiegħa tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-2013, il-proporzjon tad-dejn huwa mistenni li jilħaq 74,9 % tal-PDG sal-2013. Id-differenza mill-miri tal-programm hija minħabba bilanċ favorevoli primarju inqas pożittiv milli mistenni, parzjalment ikkumpensat minn aġġustament bejn il-fondi u l-flussi ogħla matul is-sentejn (u dawn jirriflettu wkoll suppożizzjonijiet differenti dwar l-impatt ta' garanziji għal ħlasijiet EFSF, self bilaterali lill-Greċja u kontribuzzjonijiet kapitali lill-MES). L-istess riskji enfasizzati għall-miri ta' defiċit japplikaw għall-pjanijiet tal-programm għall-projezzjonijiet tad-dejn. Barra minn hekk, l-aġġustament bejn il-fondi u l-flussi f'Malta jista' jkun ogħla milli pprojettat fil-programm, minħabba li d-dejn b'garanzija mill-Gvern huwa għoli (17,3 % tal-PDG fl-2012) meta mqabbel ma' Stati Membri oħrajn, b'60% minnu kopert mill-korporazzjoni għall-utilità tal-enerġija pubblika (Enemalta). Fid-dawl tal-korrezzjoni ta' defiċit eċċessiv fl-2011, Malta tinsab f'perjodu tranżitorju ta' tliet snin fir-rigward tal-applikabbiltà tal-limitu referenzjarju tat-tnaqqis tad-dejn, li beda fl-2012. Skont il-pjanijiet fil-

---

[11] Bilanċ nett aġġustat ċiklikament ta' miżuri ta' darba u dawk temporanji, ikkalkulati mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni fuq il-bażi tat-tagħrif provdut fil-programm, permezz tal-użu tal-metodoloġija komunament maqbula.

programm ta’ stabbiltà u wkoll fit-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni, Malta ma għamlitx biżżejjed progress lejn il-konformità mal-kriterju tad-dejn fl-2012 u għalhekk qed tirriskja li titqiegħed fil-PDE jekk ma jittieħdux miżuri korrettivi u huwa wkoll projettat li tonqos milli tikkonforma fl-2013-14.

**B’mod ġenerali, ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż tal-2012 fil-qasam tal-konsolidazzjoni fiskali ma ġietx implimentata,** hekk kif ir-riżultat tal-2012 kien agħar minn dak immirat u kien ogħla mit-3% tal-valur ta’ referenza tal-PDG, u dan jimplika devjazzjoni mill-pjan ta’ aġġustament lejn l-għan fuq terminu medju ta’ żmien. Barra minn hekk, il-miżuri li jirfdu l-istrateġija mill-2013 'l quddiem mhumiex kollha deskritti fil-programm. Il-programm jippjana ritmu ġeneralment xieraq ta’ aġġustament lejn l-għan fuq terminu medju u tnaqqis gradwali fil-proporzjon tad-dejn wara l-2014. B’kuntrast ma’ dan, il-projezzjoni tar-rebbiegħa tas-servizzi tal-Kummissjoni tbassar titjib marġinali biss fil-bilanċ strutturali u żieda kontinwa fil-proporzjon tad-dejn fl-2013-14.

**Kaxxa 2. Miżuri baġitarji ewlenin (% tal-PDG)**

| Dħul | Nefqa |
|---|---|
| **2012** | |
| • Aktar effiċjenza fil-ġbir tad-dħul (0,5 %), l-aktar inċentivi pekjunjarji għat-tnaqqis tal-arretrati tal-VAT (0,2 %; ta' darba biss)<br>• Imposti ta' konċessjoni ogħla mill-operatur tal-lotterija lokali (0,6 %; ta' darba biss)<br>• Ir-riforma tal-pensjonijiet (0,1 %)<br>• Żieda fit-taxxa tar-reġistrazzjoni għall-vetturi Euro 1 sa 3 u eqdem (0,1 %)<br>• Żieda f'diversi rati tat-taxxa tas-sisa (0,1 %)<br>• Ħelsien mit-taxxa diretta għall-ġenituri bi tfal dipendenti (*0,1 %) | • Iffrankar nett fit-trasferimenti soċjali (-0,1 %) li jirriżulta minn sforzi miżjuda biex jitrażżan il-frodi tal-benfiċċji u l-impatt gradwali mir-riforma tal-pensjonijiet tal-2006, parzjalment ikkumpensat minn miżuri mmirati lejn l-appoġġ għall-familji bi tfal u anzjani li għandhom aktar minn 80 sena<br>• Sussidju lill-fornitur tal-enerġija (0,3 %)<br>• Żieda fin-nefqa kapitali netta (0,6 %), inkluż ir-ristrutturar tal-Air Malta (akkwiżizzjoni ta' ekwità) (0,3 %) |
| **2013** | |
| • Aktar effiċjenza fil-ġbir tad-dħul (0,2 %)<br>• Ir-riforma tal-pensjonijiet (0,2 %)<br>• Reviżjoni f'taxxa tar-reġistrazzjoni għal vetturi privati aktar nodfa (-0,1 %)<br>• Żieda f'diversi rati tat-taxxa tas-sisa (0,1 %)<br>• Reviżjoni fid-dħul tal-livell tat-taxxa (-0,2 %) | • Iffrankar nett fit-trasferimenti soċjali (-0,2 %) li jirriżulta mill-impatt gradwali tar-riforma tal-pensjonijiet tal-2006, parzjalment ikkumpensat minn miżuri mmirati lejn l-appoġġ għall-familji bi tfal<br>• Ristrutturar tal-Air Malta (akkwist ta' ekwità) (0,6 %) |
| **2014** | |
| • Ir-riforma tal-pensjonijiet (0,1 %)<br>• Żieda f'diversi rati tat-taxxa tas-sisa (0,2 %)<br>• Reviżjoni fid-dħul tal-livell tat-taxxa (-0,2 %) | • Iffrankar fit-trasferimenti soċjali li jirriżulta mill-impatt gradwali tar-riforma tal-pensjonijiet tal-2006 (-0,3 %)<br>• Ristrutturar tal-Air Malta (akkwist ta' ekwità) (0,2 %) |
| **2015** | |
| • Ir-riforma tal-pensjonijiet (0,1 %)<br>• Żieda f'diversi rati tat-taxxa tas-sisa (0,2 %)<br>• Reviżjoni fid-dħul tal-livell tat-taxxa (-0,2 %) | • Iffrankar fit-trasferimenti soċjali li jirriżulta mill-impatt gradwali tar-riforma tal-pensjonijiet tal-2006 (-0,2 %)<br>• Ristrutturar tal-Air Malta (akkwist ta' ekwità) (0,6 %) |
| **2016** | |
| • Ir-riforma tal-pensjonijiet (0,1 %) | • Iffrankar fit-trasferimenti soċjali li jirriżulta mill-impatt gradwali tar-riforma tal-pensjonijiet tal-2006 (-0,2 %) |

Nota: L-impatt baġitarju fit-tabella huwa l-impatt irrappurtat fil-programm, jiġifieri mill-awtoritajiet nazzjonali. Sinjal pożittiv ifisser li d-dħul / in-nefqa j/tiżdied bħala konsegwenza ta' din il-miżura. Il-grad ta' dettall jirrifletti t-tip ta' informazzjoni li saret disponibbli fil-programm ta' stabbiltà.

Sostenibbiltà fuq medda twila ta' żmien

**Is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi tidher li hija aktar diffiċli f'terminu medju sa terminu twil ta' żmien.** Id-dejn tal-gvern huwa 'l fuq mill-limitu ta' 60 % tal-PDG u fuq xejra li qed tiżdied (72,1 % tal-PDG fl-2012, ipprojettat li jitla' għal 74,9 % tal-PDG fl-2014 skont it-tbassir tar-rebbiegħa tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-projezzjoni tal-2013). Projezzjonijiet tad-dejn fuq terminu medju ta' żmien (ara l-Grafika taħt it-Tabella V fl-Anness) jindikaw li l-implimentazzjoni sħiħa tal-programm tista' tpoġġi d-dejn fit-triq tan-niżla sal-2020, iżda xorta jkun ogħla mis-60 % tal-valur ta' referenza tal-PDG. Malta ma tidhirx li qed taffaċċja r-riskju ta' stress fiskali fit-terminu qasir, iżda r-riskju miżjud tas-sostenibbiltà fuq tul ta' żmien medju u twil, minħabba tqabbil ta' pożizzjoni baġitarja inizjali li sejra għall-agħar u l-impatt baġitarju ta' popolazzjoni li qed tixjieħ. Riskji jistgħu jiżdiedu jekk il-bilanċ strutturali primarju12 jmur lura għall-inqas valur osservat f'dawn l-aħħar għaxar snin. Is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi se tibbenifika mit-tnaqqis gross tad-dejn tal-gvern u trażżin fiż-żieda fin-nefqa relatata mal-età fuq medda twila ta' żmien.

**Riformi ulterjuri tas-sistema tal-pensjonijiet f'Malta jistgħu jgħinu biex irażżnu ż-żieda fin-nefqa marbuta mal-età pprojettata fuq terminu twil.** It-tkabbir projettat fin-nefqa marbuta mal-età hija ogħla sew mill-medja tal-UE, biż-żieda fin-nefqa fuq il-pensjonijiet — inkluż l-impatt tar-riforma tal-pensjonijiet tal-2006 — fejn dan jammonta għal aktar min-nofs ta' dan. Iż-żidiet leġiżlati fl-età tal-irtirar huma pjuttost bil-mod. Meta mqabbla ma' Stati Membri oħra tal-UE, l-età statutorja tal-irtirar fl-2012 kienet għadha fost l-aktar baxxi kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa. L-età tal-irtirar huwa mistenni li tilħaq gradwalment 65 sena kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa biss fl-2027, billi 16-il Stat Membru jkunu diġà laħqu jew qabżu dan il-livell fl-2020. Barra minn hekk, l-ebda żidiet ulterjuri ma huma previsti wara l-ilħuq tal-65 sena, billi sal-2060, 14-il Stat Membru se jkollhom età tal-irtirar leġiżlata ta' 67 sena jew ogħla. Il-PNR tal-2013 jiddikjara li l-awtoritajiet ma jarawx urġenza fit-tħaffif taż-żieda leġiżlata fl-età tal-irtirar u r-rabta tagħha mat-tul tal-ħajja bħala l-età medja tat-tluq mis-suq tax-xogħol huwa mistenni li jikber b'mod aktar rapidu mill-istennija tal-għomor sal-2030. Madankollu, huwa importanti li wieħed jinnota li d-dewmien ta' azzjoni iqajjem tħassib dwar l-ekwità interġenerazzjonali peress li jpoġġi l-aġġustament kollu tal-piż fuq dawk li jirtiraw wara l-2030.

**Azzjoni ta' politika meħuda s'issa mhijiex biżżejjed biex tkun żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet.** Fl-2012, wara parir minn Grupp ta' Ħidma indipendenti dwar il-Pensjonijiet, il-gvern waqqaf task force sabiex jiżdied il-litteriżmu finanzjarju globali tal-popolazzjoni Maltija u l-unità strateġika tal-pensjonijiet biex teżamina għażliet għal riforma tal-pensjonijiet. Leġiżlazzjoni li tirrigwarda l-introduzzjoni ta' tielet pilastru għas-sistema tal-pensjonijiet ġiet approvata mill-Parlament, iżda għadha ma daħlitx fis-seħħ. Barra minn hekk, saru diskussjonijiet mal-imsieħba soċjali, iżda s'issa l-ebda proposta konkreta għal riforma ulterjuri ma ġiet ippreżentata u ma sar l-ebda progress dwar l-implimentazzjoni tal-

[12] Il-bilanċ tal-baġit tal-gvern aġġustat b'mod ċikliku, nett ta' miżuri ta' darba u miżuri temporanji u pagamenti ta' interessi. Bilanċ primarju attwali jista' jkun indikatur qarrieqi peress li dan jirrifletti wkoll effetti temporanji tad-devjazzjonijiet ċikliċi tar-riżultar mit-tendenza sottostanti tiegħu. Il-bilanċ strutturali primarju jippermetti li wieħed jifred dawn l-influwenzi temporanji ta' differenza fil-produzzjoni fuq il-bilanċ primarju tal-gvern u li jkun hemm stampa ċara tal-prestazzjoni baġitarja.

elementi speċifiċi mniżżla fir-Rakkomandazzjoni rilevanti tal-2012 tal-Kunsill għal Malta, jiġifieri ż-żieda leġiżlata fl-etajiet statutorji tal-irtirar, tiġi assoċjata mal-istennija tal-għomor u tħeġġeġ it-tfaddil fil-pensjonijiet privati. Żieda fir-rata tal-impjieg tal-ħaddiema ikbar fl-età, għalkemm insuffiċjenti waħedha, tista' tikkontribwixxi wkoll biex tiġi indirizzata s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. Għal dan l-għan, il-gvern introduċa bidliet leġiżlattivi biex jinkoraġġixxu lil pensjonanti biex jaħdmu permezz ta’ rata mnaqqsa ta’ taxxa tad-dħul (15 % fuq id-dħul tax-xogħol) iżda għadha ma ppreżentatx strateġija għall-anzjanità attiva. Kollox ma’ kollox, ġie rreġistrat progress limitat fl-implimentazzjoni tas-CSR.

**Pressjonijiet ta’ sostenibbiltà jistgħu wkoll jirriżultaw minn infiq relatat mas-saħħa, fejn hemm lok għal żieda fl-effiċjenza.** Malta għandha waħda mill-ogħla żidiet projettati fl-UE għal kura tas-saħħa (ara l-Kaxxa 3) u qed tiffaċċja sfidi fir-rigward tal-prestazzjoni tas-sistema tas-saħħa. Meta mqabbla ma’ Stati Membri oħra, Malta tiddedika ftit riżorsi għal kura ambulatorja u għandha dispożizzjoni limitata pubblika tal-kura primarja bi ftit tobba ġeneralisti u infermiera. Fuq terminu twil ta’ żmien, id-disponibilità limitata ta’ kura ambulatorja tista’ twassal biex tiżdied in-nefqa pubblika fuq kura fl-isptar.

**Kaxxa 3. Kura tas-saħħa**

Skont ir-Rapport ta' Sostenibbiltà Fiskali tal-2012 u r-Rapport dwar it-Tixjiħ tal-2012, Malta tiffaċċja ħtieġa ogħla mill-medja tal-UE għal aġġustament fiskali strutturali fil-qasam tal-kura tas-saħħa. Filwaqt li l-infiq pubbliku fuq il-kura tas-saħħa hu 5,7 % tal-PDG u taħt il-medja tal-UE ta' 8,0 % tal-PDG, żieda pprojettata sal-2060 hija stmata bejn 2,9 u 3,6 % tal-PDG (1,1 sa 1,7 % fl-UE), xprunata minn fatturi demografiċi u mhux demografiċi[13]. Żieda addizzjonali fl-infiq ta' + +1,0 % tal-PDG, skont ix-xenarju, tista' tkun mistennija fil-qasam tal-kura fit-tul (+ +1,6 % tal-PDG fl-UE).

B'mod ġenerali, il-popolazzjoni Maltija tgawdi minn stennija tal-għomor relattivament għolja, għalkemm għad hemm lok għal tnaqqis tar-rati ta' mortalità tat-trabi u oġġettivi.[14] Il-provvista ta' kura tas-saħħa pubblika hija universali u fil-biċċa l-kbira tal-każijiet mingħajr ħlas fil-waqt tal-użu. Madankollu, il-provvista ta' servizzi ta' kura primarja kosteffikaċi hija limitata minħabba li l-għadd ta' infermiera u tobba tal-familja per capita u s-sehem tat-tobba ġeneralisti kollha huwa relattivament baxx.[15] Fl-istess ħin, filwaqt li formalment fis-seħħ, is-sistema ta' tobba ġeneralisti li jaġixxu bħala l-purtinari għal aktar livelli ta' kura ħafna drabi titħalla barra. Il-ġbir tad-dejta u l-monitoraġġ tal-prestazzjoni tas-sistema (il-bżonnijiet tas-saħħa, il-prodotti u l-kwalità ta' riżultati) huwa xorta waħda limitat ħafna. Dawn il-fatturi jindikaw konġestjonijiet fil-forniment ta' servizzi ta' kura primarja u aktar żmien ta' stennija għal kura fl-isptar.

[13] Skont ix-xenarji ta' referenza tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Tixjiħ, kif ippubblikat fir-Rapport ta' Tixjiħ tal-2012, disponibbli f'http://ec.europa.eu/economy_finance/publications/european_economy/2012/2012-ageing-report_en.htm.

[14] Il-mortalità tat-trabi f'Malta hija ta' 5.5 għal kull 1,000 twelid tal-ħajja (4,1 f'UE), rati ta' mortalità maneġġabbli jew evitabbli , jiġifieri dawk li jistgħu jiġu mnaqqsa fil-preżenza ta' kura f'waqtha u effettiva, huma għoljin f'sensiela ta' kawżi importanti ta' mwiet (AMIEHS, 2011, http://amiehs.lshtm.ac.uk/).

[15] F'Malta, hemm madwar 71,2 tobba ġeneralisti għal kull 100,000 abitant (99,3 fl-UE) u s-sehem ta' tobba ġenerali fost it-tobba kollha huwa ta' 21 % (31 % fl-UE).

*Qafas Fiskali*

**In-nuqqas ta' qafas fiskali vinkolanti jimmina l-kredibbiltà tal-istrateġija fiskali tal-gvern.** Il-qafas baġitarju fuq medda medja ta' żmien mhuwiex vinkolanti u ma hemm l-ebda regola fiskali biex jiġi żgurat li l-istrateġija ta' konsolidazzjoni tal-gvern hija msaħħa. Malta għadha ma ttrasponietx id-Direttiva 2011/85/UE dwar l-oqfsa baġitarji.[16] Barra minn hekk, ir-regola tal-bilanċ tal-baġit strutturali, kif previst fit-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza, għadha ma ġietx introdotta fil-leġiżlazzjoni. Il-programm ta' stabbiltà jħabbar riforma tal-qafas baġitarju bil-għan li jagħmlu aktar vinkolanti permezz tal-introduzzjoni ta' regoli fiskali. Qed iħabbar ukoll pjanijiet biex jitwaqqaf Kunsill Fiskali, iżda azzjoni konkreta għad trid tittieħed f'dawn l-oqsma.

*Sistema tat-taxxa*

**Ġew introdotti xi miżuri biex titjieb il-konformità mat-taxxa, iżda gwadanni konkreti għad iridu jimmaterjalizzaw ruħhom.** Fl-2012, il-Kunsill irrakkomanda lill-awtoritajiet Maltin biex jsaħħu l-konformità tat-taxxa, għall-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa u jnaqqsu l-inċentivi fir-rigward tal-livelli tad-dejn fit-tassazzjoni korporattiva. Fir-rigward il-konformità tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa internazzjonali, evalwazzjoni bejn il-pari kkoordinata mill-OECD tat stima pożittiva għall-qafas legali u regolatorju għall-iskambju ta' informazzjoni ta' Malta[17], u rrakkomandat li din tkompli tiżviluppa l-iskambji ta' informazzjoni tagħha mal-imsieħba kollha rilevanti. Malta ffirmat ukoll it-Trattat tal-Kunsill tal-Ewropa u l-OECD ta' Assistenza Reċiproka f'Ottubru 2012 u kkonkludiet għadd ta' ftehimiet ma' awtoritajiet fiskali internazzjonali sabiex ikun faċilitat l-iskambju ta' informazzjoni. Il-programm nazzjonali ta' riforma tal-2013 iħabbar analiżi tas-settur u l-iżvilupp ta' għodod ġodda ta' verifika biex jiġu identifikati oqsma għat-titjib. Is-settur tal-kiri tad-djar b'mod partikolari ġie identifikat bħala sors importanti ta' evażjoni tat-taxxa u qed jitħejjew miżuri rilevanti. Barra minn hekk, kapaċità għal persunal tal-awtoritajiet rilevanti qed tissaħħaħ u d-dipartimenti responsabbli mill-VAT, it-taxxi interni u l-ġbir tat-taxxa tad-dwana qegħdin jiġu amalgamati. Filwaqt li dawn il-miżuri huma rilevanti, il-kredibbiltà tal-pjanijiet politiċi u l-effettività tagħhom għal perjodu ta' żmien medju se tiddependi fuq implimentazzjoni t-tajba.

**Inċentivi fiskali għal kumpaniji sabiex jidħlu għad-dejn għadhom għoljin ħafna.** Fl-2012, Malta spikkat bħala l-pajjiż bit-tieni l-ogħla differenza bejn it-trattament fiskali tad-dejn u tal-iffinanzjar tal-ekwità ta' investiment ġdid, minħabba l-fatt li s-sistema tat-taxxa tad-dħul fuq il-kumpaniji tippermetti d-deduċibbiltà mit-taxxa ta' pagamenti ta' mgħax fuq id-dejn, iżda mhux għall-iffinanzjar tal-ekwità. Dan il-preġudizzju tad-dejn jista' jwassal għal ingranaġġ korporattiv eċċessivament għoli, kif diskuss ukoll fl-analiżi fil-fond għal Malta tal-2013, u allokazzjoni ineffiċjenti ta' kapital. Madankollu, l-ebda politika rilevanti ta' azzjoni ma ttieħdet f'dan il-qasam.

---

[16] L-iskadenza legali għat-traspożizzjoni hija l-31 ta' Diċembru 2013. Madankollu, il-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern tal-Istati Membri taż-żona tal-euro impenjaw ruħhom li jittrasponu sal-aħħar tal-2012.

